MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2910/2002

**Altas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Karen Firman u l-istess Firman f'isimha proprju**

**vs**

**Marion Falzon u b'digriet moghti fl-24 ta' Frar 2003 interveniet fil-kawza Victoria Insurance Agency Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm252.13) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura AAQ 236 assikurata comprehensive hlief ghal Lm25 excess u ghal liema somma l-attur huwa surrogat fid-drittijiet ta' Karen Firman u dan b'rizutlat ta' incident tat-

traffiku li sehh fl-24 ta' Dicembru 2000 gewwa San Gwann, waqt li l-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura HAS 961 u habtet mal-vettura misjuqa minn Karen Firman u bin-numru AAQ 236.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuta u li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. L-incident in kwistjoni sehh gewwa San Gwann.

2. Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet hierga minn parking u l-incident sehh hekk kif il-vettura misjuqa mill-attrici ghaddiet ma gemb il-vettura tal-konvenuta.

3. Il-kontendenti taw zewg verzjonijiet opposti ghal xulxin.

4. Wara li t-Tribunal qies il-provi kollha li tressqu quddiemu, huwa tal-fehma li r-responsabbilta ghall-incident hija tal-konvenuta. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2003 il-konvenuta xehdet in kontro-ezami li:-

[a] il-hsara fil-vettura taghha kienet fuq quddiem, taht il-fanal ta' tax-xellug;

[b] hsara fil-gemb ma kellhiex.

5. Il-fatt li l-hsara li garrbet il-vettura misjuqa mill-konvenuta, fi kliemha stess, ma kenitx fil-gemb hija konferma li kienet il-vettura taghha li dahlet f'dik misjuqa mill-attrici. Il-vettura tal-konvenuta kienet hierga minn *parking space* u ghalhekk kien l-obbligu tal-konvenuta li tassigura ruhha li bil-manuvra li kienet ser taghmel [cjoe' li tohrog mill-parking] ma kenitx ser tohloq xi ostakolu ghal vetturi li kienu ghaddejjin minn fuq ix-xellug taghha. Jidher bic-cjar li l-konvenuta naqset milli tiehu tali

prekawzjoni u ghalhekk il-htija ghall-incident ghandha tigi akkollata fuqha biss. Ghaldaqstant, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li fil-hin ta' l-incident il-vettura tal-konvenuta kienet wieqfa.

6. B'riferenza ghad-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni u f'kull kaz gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm252.13) kif fuq spjegat.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------